# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' April, 2016

**Talba Nru:** 907/15 DMA

**Vodafone Malta Limited**
**C 10865**

**Vs**

**Peter Azzopardi**
**KI 541371M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Novembru, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-intimat ghandu jigi kkundanat ihallas l-ammont ta' tmien mija u seba' u tmenin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€887.38) rapprezentanti l-ammomt dovut lis-socjeta' attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi tat-tariffa 'Data Only' referribli ghal-kont bin-numru 1.10985005, u dan kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala ' Dok. VF 1'.

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagamenti effettiv tal-ammont hawn reklamat, hu baqa' inadempjanti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' meta' l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, kontra l-intimat, bl-ingunzjoni tal-intimat in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l- konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-5 ta' April, 2016 u qas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-5 ta' April, 2016 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u seba' u tmenin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€887.38), bl-imghax legali mid-data ta' meta' l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**